# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta’ Marzu, 2001**

**Numru 8**

**Citaz. Nru. 2560/99GV**

**Doc. Nru. 50-01**

**Tauber Oil Company socjeta’ estera registrata l-Istati Uniti ta’ l-Amerika rappresentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Tonio Grech**

**vs**

**Giant Shipping Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta’ attrici ippremettiet illi s-socjeta’ konvenuta hija proprjetarja tal-vapur m.v. “Posidon” registrat hawn Malta;

Premess illi s-socjeta’ attrici innolleggat il-vapur m.v. “Posidon” minghand is-socjeta’ konvenuta skond l-anness Charterparty Dok. A.

Premess illi s-socjeta’ konvenuta ikkonsenjat il-vapur lis-socjeta’ attrici mhux f’kondizzjoni tajba biex jittrasporta il-merkanzija konsistenti f’carbon black feedstock skond ic-charterparty minn Galveston/Houston, Texas, U.S.A. sas-

Sudafrika, Singapore u t-Tailandja stante li t-tankijiet tal-vapur ma kienux nodfa sabiex tingarr dik il-merkanzija.

Premess illi ghalhekk s-socjeta' attrici sofriet danni sostanzjali kemm sabiex tispezzjona u tahsel it-tankijiet ta' l-istess vapur kif ukoll bhala demurrage claims - ara Dok. B.

Premess illi dawn id-danni jammontaw ghal miljun u mitt elf dollaru amerikan (USD 1,100,000) komprendenti spejjez u interessi fuq dan l-ammont kif jidher mill-fax datata sitta (6) ta' Awissu, 1997 (pagna 2) mibghuta mill-avukati amerikani tas-socjeta' attrici lill-avukati amerikani tas-socjeta' konvenuta, fejn talbu arbitragg New York - Dok. B, kif kienu talbu wkoll l-avukati amerikani tas-socjeta' konvenuta - Dok. C. Ghalhekk dan l-arbitragg beda u gie nominat it-tielet arbitru u chairman tal-panel (Dok. D) u saret anke l-ewwel seduta (Dok. E).

Premess illi a tenur tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih.

Premess illi r-rappresentanti tas-socjeta' attrici ikkomunikaw mas-socjeta' konvenuta dwar din il-kwistjoni izda minghajr success.

U premess illi sa fejn jaf l-attur nomine l-assi tas-socjeta' konvenuta huwa l-vapur m.v. "Posidon" registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta' tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz.

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. "Posidon" u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur ta' l-istess artikolu 37 tal-kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat id-digriet a fol 50;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 42 fejn eccepew:

1.Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u din il-Qorti ghandha tichadhom bl-ispejjez u dan peress illi l-pretensjoni li dwarha qed tintalab il-kawtela kontemplata fl-Artiklu 37 tal-Kap. 234 hija legalment insostenibbli kif ukoll arbitrarja u eccessiva.

Illi sabiex din il-Qorti tkun f'posizzjoni li tapprezza l-infondatezza tal-pretensjonijiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, l-esponent sejjer jispjega l-bazi ghall-kontestazzjoni tieghu u cioe'

I. Illi l-mertu tal-kwistjoni huwa soggett ghall-Arbitragg fi New York li beda fl-1997. Dana jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawsola fic-charter party li ghandu jistabilixxi min mill-partijiet kien responsabbli ghat-tindif tat-tankijiet fil-vapur. Dan l-arbitragg qed isir a tenur ta' klawsola fic-charter party agreement u ghaldaqstant bi ftehim u l-kunsens taz-zewg kontendenti. Illi skond il-Federal Arbitration Act, Titolu 9 li jirregola l-arbitraggi f'affarijiet marittimi jekk wiehed mill-partijiet jottjeni xi ordni mill-Qorti li tkun konnessa ma' l-arbitragg, il-parti l-ohra ghandha d-dritt li titlob lil dik il-Qorti biex tissoprassjedi. Hekk ghandha taghmel ukoll din il-Qorti.

II. Illi s-socjeta' attrici ghandha pendenti quddiem il-panel ta' l-Arbitragg go New York talba ghal garanzija.
III. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kull kaz l-ammont li allegatament huwa dovut lis-socjeta' attrici u in kwantu jirrapprezenta danni, spejjez u interessi qed jigi pretiz b'mod ghal kollox arbitrarju u irragonevoli.
IV. Illi a bazi tal-premess li dwaru l-esponenti jirriserva li jelebora waqt it-trattazzjoni tal-kawza, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tohrog l-ordni kontemplata fl-artikolu 37 tal-Kap. 234.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li b'dana kollu hija ghandha tilqa' t-talbiet attrici:

I. Din l-ordni ghandha tispecifika s-somma li ghaliha qieghda tinghata din il-kawtela liema somma ghandha tigi stabbilita wara li jigu konsiderati l-pretensjonijiet tas-socjeta' eccipjenti bil-fakolta' lill-eccipjenti li titlob ir-revoka ta' l-ordni jekk tipproduci garanzija idonea ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici. F'dan il-kuntest ghandu jinghad illi l-kreditu allegatament dovut huwa eccessiv. Ghalkemm jinghad illi l-kreditu pretiz fic-citazzjoni huwa ta' miljun u mitt elf dollaru amerikan (USD 1,100,000), is-socjeta' konvenuta qed tippretendi minghand is-socjeta' attrici, sitt mija u hamsa u ghoxrin elf, disgha mija u sebgha u hamsin punt tnejn u erbghin dollaru amerikan (USD 625,957.42) ghal "deviation, demurrage and associated expenses" li minnhom l-istess socjeta' attrici gia accettat fix-xhieda guramentata taghha quddiem il-panal ta' l-Arbitragg mija u sebghin elf, mija u tmienja u erbghin punt hmistax dollaru amerikan (USD 170,148.15). Ghalhekk skond il-kalkoli tas-socjeta' konvenuta l-ammont li jista jigi reklamat mis-socjeta' attrici huwa ta' erba' mija, erbgha u sebghin elf, u tlieta u erbghin dollaru amerikan (USD 474,043) u dana dejjem jekk il-Panel ta' l-Arbitragg jiddeciedi favur taghha.
II. Il-Qorti ghandha tirrevoka l-istess projbizzjoni fuq istanza ta' l-eccipjent f'kaz illi l-proceduri fuq il-mertu li diga ilhom li bdew minn tlett snin ma

jipprocedux b'ritmu desiderabbli u ragjonevoli ghal xi raguni imputabbli li s-socjeta' attrici.

III. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ghandha a tenur tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta timponi obbligu fuq is-socjeta' attrici li tipprovdi garanzija depositata fir-registru ta' din il-Qorti fi zmien qasir u perentorju u dan in kawtela tad-danni, imghaxijiet u spejjez sofferti u li ghad jista' jsofri fil-kawza ta' tali ordni, liema somma tigi kwantifikata fil-kors tat-trattazzjoni u fin-nuqqas ta' din il-garanzija fiz-zmien stipulat din l-istess Qorti ghandha tirrevoka l-ordni minnha mahruga fuq l-istanza ta' l-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 111 li bih gew allegati l-atti tar-rikors 1580/00GV degretat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, 2000;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. "Posidon" u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti qed jeccepixxu li t-talba attrici hija legalment insostenibbili kif ukoll arbitrarja u eccessiva.

**KONSIDERAZZJONI**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu l-hrug ta' ordni taht l-artikolu 37 tal-Kap 234 biex f'kaz ta' ezitu favorevoli fl-arbitragg li qed isir f'New York huma jkollhom bhala security il-vapur mv "Posidon" u b'hekk il-kreditu taghhom ma jigix eluz.

Mhux kompitu ta' dina l-Qorti li tiddeciedi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti imma biss li tiddeciedi jekk ghandhiex tinhareg l-ordni taht l-artikolu 37 biex ma jsirx negozju fir-rigward tal-bastiment imsemmi.

Il-mertu ta' dina t-talba kien gie trattat f'rikors 1580/00GV fl-ismijiet Dr. P.Gauci Maistre vs Dr.T.Grech fejn r-rikorrent noe kien talab li l-Qorti tvarja d-digriet taghha tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 1999 (fol 50) fejn waqt li tikkonferma l-ordna taghha biex ma jsir ebda negozju ….tvarja dika l-parti fejn inibiet ir-registrazzjoni tal-mortgages. F'dak ir-rikors ir-rikorrent noe kien talab ukoll sabiex Tauber Oil jaghtu garanziji necessarji u in mancanza jigi revokat id-digriet tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru.

Dina l-Qorti kienet iddegretat dana r-rikors billi kienet cahdet it-talbiet tar-rikorrent wara li kienet ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

**Tikkunsidra**

Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra r-rikorrent mhux bizzejjed biex ir-rikorrent jitlob garanzija. Li kieku kien hekk il-ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta.

Ir-rikorrent qed ighid li l-intimat qed, bla raguni valida fil-ligi, jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu biex isir it-tibdil relattiv fil-mortgage, biex ikun jista' jiehu rifinanzjament ghall-operazzjonijiet kummercjali tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat hu gustifikat li jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu billi jekk jaghmel hekk, it-talba tieghu ser tibqa' skoperta u hu jispicca minghajr garanzija li ottjena taht l-artikolu 37. Jekk il-bank ser jiehu a first priority mortgage ghal ammont ta' US 32,504,330 l-intimat jispicca b'xejn.

Semai r-rikorrent jista' jgib garanzija biex jehles mill-effetti tal-digriet moghti taht l-artikolu 37 u meta jgib ir-rifinanzjament, minn dana r-rifinanzjament ikun jista jzomm apparti l-ammont li jkun hareg biex ghamel il-garanzija favur l-intimat.

Finalment skond l-interim ruling fl-Arbitration li hemm bejn il-partijiet Dok TGB3 (fol 2) gie deciz li *no order for security will be issued .. so long as the proceeding in Malta continues.* Din l-posizzjoni giet accettata mir-rikorrent, u issa ma jistax jitlob li anke dina l-garanzija li ghandu l-intimat f'Malta titnehha wkoll. (Ara Dok TGB4 l-ahhar paragrafu.)

Illi l-konvenuti ma kienux qed jopponu l-hrug ta' l-ordni taht l-artikolu 37 izda biss (ara proceduri fir-rikors imsemmi) li tigi varjata l-kondizzjoni li ma setghux isiru mortgages u biex jinghataw garanziji, talbiet li pero' gew michuda.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li mill-provi prodotti t-talba prezenti ta' l-atturi tidher li hi gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi u tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. "Posidon" u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu skond l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-kreditu ta' l-atturi jigi sodisfatt;
Tordna li jigi notifikat b'din is-sentenza r-Registratur tal-Bastimenti ta' Malta ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Spejjez ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**